FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 3 TA' OTTUBRU, 1996

Avviz Nru.370/96

Victor Gruppetta ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Merlin International Ltd

vs

Malcolm Dalli

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 1996, fejn intalab il-hlas ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm98.90) ghal kiri ta' karozza, liema hlas baqa' ma sarx;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali;

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward;

Ra n-nota tal-attur nomine pprezentata fit-30 ta' Settembru, 1996, li biha rriduca l-ammont billi kkjarifika li l-imghaxijiet mitluba ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza;

Semgha x-xhieda ta' Victor Gruppetta, l-attur nomine;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li jirrizulta mix-xhieda li l-ammont ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u disghin centezmu huma dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici ghal karozza li l-konvenut kien kera f'Settembru, 1995 u liema kirja spiccat fid-29 ta' Settembru, 1995.

Ikkunsidra n-nota ta' riduzzjoni dwar l-imghax, ghal fini ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tmienja u disghin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm98.90), bl-imghaxijiet mid-data ta' dina s-sentenza;

L-ispejjez ta' dina l-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.